KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 44 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar Il-Ħamis 19 ta' Frar 2015 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35pm | 10.10pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30pm | 10.10pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.50pm | 10.10pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30pm | 10.10pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.45pm | 8.20pm |
| Kunsillier Mario Sammut | Skużat | marid |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 7.45pm | 10.10pm |
| Kunsillier James Cassar | 7.45pm | 10.10pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35pm | 10.10pm |
| Kunsillier David Meilak | 7.37pm | 10.10pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata | |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 43- 29 ta' Jannar 2015**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 43 li saret fid- 29ta' Jannar, 2015 kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

Dwar Item 5 - Ħatra ta Bord tal-Għażla Segretarju Eżekuttiv – Is-Sindku nfurmat li l-Bord tal-Għażla kien ser jgħamel l-ewwel laqgħa preliminari nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija u wara fis-7.30 jkun hemm il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita tal-Mosta. Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu għal-Laqgha Annwali u jħejju rapport dwar ix-xogħol li kien sar mid-dekasteru tagħhom.

Dwar Item 6 – Ftuħ tal-Visitors' Centre tal-Katakombi ta' Bistra – Il-Kunsill ġie nfurmat li din iċ-ċerimonja kienet ser issir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar, 2015 fil-10 ta' filgħodu. Is-Sindku ħeġġet lill-kunsilliera kollha sabiex jattendu.

Dwar Item 7 – Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ġdid – Il-Kunsillier Keith Cassar informa li is-Sur Daniel Cassar kien ser ikun l-Ambaxxatur il-ġdid. Huwa għandu 17 il-sena u huwa membru tal-Mosta Scouts Group. Dan ġie approvat unanimament mill-membri kollha preżenti għal-laqgħa.

Il-Kunsillier James Cassar irraporta li huwa kien attenda għal l-ewwel laqgħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ tal-Mosta. F'din l-ewwel laqgħa ġew imqassma r-rwoli tal-kunsilliera żgħażagħ.

Il-Kunsillier Cassar informa li l-proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ kienu ma kkwalifikax għal fondi mill-gvern ċentrali. Dan minkejja li ġie pprezentat proġett kompetittiv ħafna. Hawn, is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, rrimarkat li hija kienet tkelmet mas-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo u qaltlu li ma kienx sew li l-Kunsill ma kienx qed jingħata nformazjoni għaliex il-Mosta qatt ma kienet qed tiġi kkunsidrata fid-diversi skemi ta' premjijiet li joħorġu minn żmien għal żmien. Hija qalet li ż-żgħażagħ kienu qed jiġu ddemoralizzati. L-inqas li wieħed kien jistenna hu li tingħata raġuni għaliex il-proġetti ma kienux qed jikkwalifikaw.

Dwar l-Iskema tal-Proġetti Kapitali mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lakali, is-Sindku nformat li hija flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienu ġew imsejħa għal-laqgħa mal-bord tal-għażla tal-proġetti sabiex jispjegaw fid-dettall iż-żewġ proġetti li għalihom il-Kunsill Lokali tal-Mosta kien talab l-finanzjament. Issa wieħed irid jistenna r-riżultat ta' kif ser jitqassmu l-fondi.

Dwar Item 11 – Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia nfurmat li t-toroq li kien ippjanat li jsiru taħt il-programm ta' kisi mill-ġdid ta' toroq ('PPP2') issa kien wasal fl-aħħar. Kien jonqos biss li ssir parti żgħira fit-tarf ta' Triq E B Vella fejn tiltaqa ma' Triq ir-Rebbiegħa. Din kien hemm bżonn li ssir għaliex f'din il-parti kien qed iżomm ħafna ilma. Kien hemm ukoll 'snag list' li jrid jara dwarha l-Perit Joseph Attard li huwa l-perit inkarigat mill-proġett tal-PPP2.

Is-Sindku nfurmat wkoll li l-applikazjoni għal-iskema ta' tisbiħ tal-lokal bi pjanti mnedija mill-Ministru Leo Brincat issa saret. Dan il-finanzjament għandu jammonta għal 30,000Ewro. Sa dan it-tant saret sejħa pubblika għal-kwotazjonijiet għal-pjanti. Din saret hekk għaliex ma hemmx ċans li jinħareġ tender. L-ordnijiet ser jitqassmu lid-diversi *suppliers* ta' pjanti li japplikaw biex ikun jista jintlaħaq dan l'ammont ta' xiri ta' pjanti.

Is-Sindku nfurmat ukoll li l-amministrazjoni qed taħdem biex isir id-dawl fuq il-pont ta' Triq il-Fortizza tal-Mosta. Saret l-applikazjoni u din ġiet approvata mil-Enemalta. Saret laqgħa mal-Inġinier Mario Galea ta' Galea Curmi sabiex jipprepara l-iskeda tax-xogħol li jrid isir. Sar suġġeriment mill-Kunsillier Keith Cassar li l-Arċipriet għandu jiġi nfurmat għaliex dan kien interessat li jara li jiġi evitat li dan il-pont jintuża għal-skopijiet ulterjuri.

## 3.0 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta Pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru 33 għall-ammont ta €59,698.97 kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**(b) Lista tal-Works Orders**

Il-lista tal-works orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**c) Lista ta Purchase Orders**

Il-lista tal-purchase orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**d) Lista ta Depożiti**

Ġiet approvata unanimament il-lista ta' depożiti. Lista annessa ma dawn il-minuti kif ippreżentata.

**d) Financial Statements as at 31 December 2015**

L-accountant is-Sur Daniel Galea ġie mistieden jispjega fid-dettal il-*Financial Statements as at close of business 31st December, 2014.* Kopji tal-Financial Statements, tal-Budget 2015 , tar-Rapport Finanzjarju tar-raba kwart tas-sena 2014, u tal-Business Plan 2015/2017 tqassmu lill-kunsilliera kollha preżenti. Il-Kunsilliera staqsew diversi mistoqsijiet lill-accountant u dan ta l-ispjegazjonijiet mitluba minnu. Ġie spjegat li l-items dwar Pjazza Rotunda u Ta' Mlit kien ilhom snin twal pendent. Dawn il-figuri kienu qed jaffetwaw il-pożizjoni finanzjarja tal-Kunsill u kien jinħtieġ li jiġu solvuti kemm jista jkun malajr. Kemm il-darba l-arbitraġġi pendenti fuq dawn iż-żewġ każijiet jinqatgħu kontra l-kunsill, l-kunsill kien ser jkollu problema finanzjarja għaliex flus imwarrba ma kienx hemm.

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia spjegat li dawn kienu problemi li tħallew pendenti mis-Sindku ta' qabel din il-leġislatura. Dan qatt ma kien ried jiddiskuti jew b'xi mod jipprova jsolvi dawn iż-żewġ każijiet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv li kien għamel xi snin Segretarju Eżekuttiv fil-leġislatura ta' qabel dan il-Kunsill ukoll ikkonferma dan u qal li huwa dejjem tħalla barra meta kienu saru xi laqgħat mal-kuntratturi involuti f-dawn iż-żewġ każi. Is-Sindku żiedet tgħid li bħalissa kienu għaddejjin trattati mal-kuntratturi. Kien jidher li sa issa kien intlaħaq ftehim dwar il-Każ ta' Pjazza Rotunda ma V & C Contractors Ltd. Kien jonqos biss li l-avukati jippreżentaw *draft* tal-ftehim għal-approvazjoni tal-Kunsill. Il-Każ tal-Pjazza Rotunda ta' 'Tal-General' kien għadu pendenti fl-Arbitraġġ u l-istess dak tal-V & C Contractors u Philip Agius & Sons dwar il-bilanċi ta' ' Ta'Mlit'. Iżda, dwar dan ta' l-aħħar kienu għaddejjin ukoll diskussjonijiet mal-partijiet konċernati.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Joe De Martino qal li dawn l-proġetti kienu saru fi żmien li kien Sindku hu u sostna li kien hemm flus apposta ġejjin minn Dipartimenti tal-Gvern Ċentrali li kellhom jagħmlu tajjeb għal dawn iż-żewġ proġetti. Huwa qal li jekk fil-fatt dawn il-flus ġewx jew x-sar bihom hu ma setax jgħid għaliex warajh daħal Sindku ieħor li għamel leġislatura' ta ħames snin. Huwa qal ukoll li kemm rapport dettaljat mill-Perit Maurice Galea fejn elenka il-pendi, nuqqasijiet etc.

Is-Sindku spjegat ukoll li l-Kunsill li jmiss kien jinħtieġ jistudja mill-ġdid l-ispejjes kbar li kien qed jinvolvi l-ġbir tal-iskart riciklabli.Dan kien element ieħor li tefa' lura l-finanzi tal-Kunsill. Hija qalet li issa li għaddiet sena ta' prova mis-sistema ta' dan il-ġbir mill-kumpanija GreenPak, wieħed irid jara kif jistgħu jitnaqqsu l-ispejjes għaliex ma kienx hemm biżżejjed volum ta' materjal li jinġabar min wara l-bibien tar-residenti biex jifdi l-ispejjes. Soluzjoni waħda tista tkun li dan il-materjal jibda jinġabar darba waħda biss fil-

ġimgha minflok darbtejn fil-ġimgħa kif qed isir fil-preżent. Hemm ukoll il-fatt li mill-iskart li qed jitpoġġa fil-*bring-in-sites* il-Kunsill mhu qed jiggwadanja xejn finanzjarjament. Żgur li kien hemm bżonn jiġi rivedut il-ftehim ma GreenPak.

Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li l-Kunsill li jmiss għandu jikkonsidra jnaqqas l-ispejjes tal-kirjiet li għandu l-Kunsill speċjalment għal post ta' fejn jiltaqgħu l-Anzjani Ta' Matul il-Ġurnata, Il-Youth Empowerment Centre, il-Garage tal-Handyman, u l-garaxxijiet f'Taż-Żokrija. Dwar dan ser jiġi ppreżentat pjan fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Id-dokumenti finanzjarji ġew appovati unanimament mill-kunsilliera preżenti. Is-Sindku u L-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Financial Statements.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista Nru:40 ta' 7 items ta' korrispondenza. Id-deċiżjoni dwar din il-korrispondenza tinstab annessa ma' dawn il-minuti.

Dwar korrispondenza Nru. 5 il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegata Ms. Liliana Borg tiġi promossa għal-grad ta' Executive Officer fi Skala 13 b'effett mill-1 ta'April, 2015. Dan iżda għandu jsir wara li jintalab permess u tiġi l-approvazjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Dwar korrispondenza Nru. 6 il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegat Chris Camilleri jitla għal notch 6 fl-iskala 11 b'effett mill-1 ta' Marzu, 2015.

**5.0 PPP 1 & 2 – Financing Programme**

Ġie ippreżentat dokument dwar il-finanzjament tal-Programmi 1 u 2 tal-PPP. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegaw fid-dettall il-pożizjoni preżenti u futuri ta' kif għandhom jiġu mwarrba kull tliet xhur ammonti ta' flus biżżejjed sabiex il-Kunsill ma jkollux diffikulta jagħmel il-pagamenti skont kif huwa kommess li jagħmel. Kien importanti li l-Kunsill li jmiss jimxi ma din l-iskeda. Din ġiet approvata unanimament.

**6.00 Clean up Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nfurmat li għat-tielet darba s-Sinjura Applegreen flimkien mat-team tagħha għamlet *clean-up* fi-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. F'każi bħal dawn il-Kunsill jipprovdi għodda, ngwanti, boroż u xi bibita (ilma) sabiex tkun tista ssir il-*clean-up*.

Il-Laqgħa spiċċat fil-10.10 ta' filgħaxija.

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2015.

| | |
|---|---|
| Dott Shirley Farrugia | John J. Camilleri |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |